# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' Marzu,2001.**

**Numru 3**

**Avviz. numru 484/99mm**

**Emmanuel Delicata Distributors Limited gia Emmanuel Delicata & Co Ltd**

**vs**

**George Cauchi li jiggestixxi n-negozju bl-isem Cote D'Azur Restaurant**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fit-7 ta' April 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba mija u erbgha u sittin centezmu (Lm700.64) dovuti bhala bilanc ta' prezz ta' merci, u cioe' xorb, ghall-istabbiliment 'Cote D'Azur', lilu mibjugha u konsenjati.

Bl-ispejjez komprizi dovuti dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Lulju 1998 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Illi in linea preliminari l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 (b) jew 2156 (f) tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici mhuwiex dovut mill-esponent;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi bil-verbal tas-seduta tas-27 ta' Frar 2001 il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari mqajjma mill-konvenut. F'din l-eccezzjoni l-konvenut qed jinvoka favur tieghu l-artikolu 2148(b) jew 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-artikoli jippreskrivu terminu ta' tmintax-il xahar ghal dak ta' l-ewwel jew hames snin ghal dak ta' l-ahhar.

Fl-istess seduta tas-27 ta’ Frar 2001 is-socjeta’ attrici pprezentat rendikont ta’ l-ammont li kienet qed titlob minghand il-konvenut, liema rendikont jirreferi ghall-operazzjonijiet kummercjali illi saru fl-1993. L-ewwel att gudizzjarju illi rrizulta illi setgha jitterrompi l-preskrizzjoni huwa dan l-avviz li gie pprezentat fis-7 ta’ April 1999. Ma ngabux aktar provi minn nahha tas-socjeta’ attrici sabiex tirribatti din l-eccezzjoni maghmula mill-konvenut. Fi kwalunkwe kaz it-termini msemmija fiz-zewg artikoli fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet skadew u ta’ dan is-socjeta’ attrici ma gabet l-ebda gustifikazzjoni. Kull ma jidher li kien hemm kienet biss l-ittra legali fl-ewwel ta’ Lulju 1998. Din l-ittra legali mhijiex bizzejjed biex tinterrompi l-preskrizzjoni li kif gia nghad ghadda favur il-konvenut.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi filwaqt illi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta u konsegwentement tichad it-talba taghha bl-ispejjez.

Anthony Zammit

Dep Reg